MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 168/2002/1

**Avviz numru 168/02DM**

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Malcolm u Rose Maria mizzewgin Gerry**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' tlett elef, hames mija u seba' u hamsin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm3,557.42) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' ta' Malcolm u Rose Maria mizzewgin Gerry mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa Dok "A3") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2001 sal-jum tal-

pagament effettiv, liema facilita' bankarja giet moghtija lil Malcolm u Rose Maria mizzewgin Gerry permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Gunju 1998 fl- atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon (Dok "B").

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata l-1 t'Awissu 2000 (Dok "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti ammettew it-talba attrici permezz ta' nota pprezentata fir-registru fis-27 ta' Novembru 2002.

Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata illum stess mill-bank attur fejn l-ammont mitlub gie ridott ghas-somma ta' seba'mitt lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm700.82) oltre l-imghax legali mill-1 t'Ottubru 2002.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-bank attur il-bilanc ta' seba'mitt lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu (Lm700.82) oltre l-imghax legali mill-1 t'Ottubru 2002 ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------